**14 ta' Marzu, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

A

*versus*

B

## Żwieġ – Nullità – Vizzju ta' Kunsens

*Minn eżami tal-provi quddiemha l-Qorti sabet il-kunsens ta' l-attriċi biex iżżewġet kien ivvizzjat u konsegwentement iddikjarat iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet null. Ma rriżultat ebda raġuni għaliex l-attriċi kellha tiżżewweġ lill-konvenut: il-partijiet fuq xulxin ma kienu jafu xejn.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-kontendenti żżewġu l-Furjana fl-20 ta' Diċembru 1980 kif jiher miċ-ċertifikat anness maċ-ċitazzjoni u mmarkat Dok. A;

U premess illi l-kunsens ta' l-attriċi kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha u minn fatturi oħra li jagħtu lok għall-annullament taż-żwieġ skond il-liġi;

Talbet li din il-Qorti;

Tiddikjara li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fl-20 ta' *Diċembru 1980 huwa null u bla effett skond il-liġi;*

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi, il-lista tax-xhieda tagħha u l-elenku tad-dokumenti;

Rat li għalkemm regolarment notifikat il-konvenut baqa' ma ppreżentax nota ta' l-eċċezzjonijiet u għalhekk huwa kontumaċi;

*Omissis;*

L-attriċi qed titlob li jiġi ddikjarat null iż-żwieġ tagħha mal-konvenut a bażi tad-disposizzjoni ta' l-artikolu 19(1) (d) minħabba vizzju tal-kunsens da parti tagħha; dan kien żwieġ iċċelebrat minn xebba ta' tlieta u ħamsin sena ma' raġel armel b'żewġt *itfal kbar jgħixu miegħu, ta' tmienja u ħamsin sena;*

Illi għalkemm kienu jiġu minn xulxin, l-attriċi ma kienet taf xejn dwaru; ta' min jinnota li "għalija kien qisu qaddis jimxi fl-art. Kien jiftaħar li ma kellux vizzji ta' xejn, la ta' logħob, la ta' xorb u lanqas ta' nisa, ħlief għal ftit sigaretti";

Dikjarazzjoni bħal din ċertament turi nuqqas ta' ħsieb u preparazzjoni, meta aktar tard irriżultalha li żewġha xi vizzju kellu u kien għadda xi żmien il-ħabs wara li nstab ħati ta' korruzzjoni ta' tifla minorenni. Tassew tajjeb kienet qaltihla (kif

xehdet l-attriċi stess) li "ċanfritha talli ma kinitx staqsiet dwaru għax kieku kulħadd kien jgħidilha x'inhu". Il-perit legali ma sab ebda raġuni li għaliha l-attriċi kellha tiżżewweġ lill-konvenut; il-Qorti hi tal-fehma li l-attriċi, xebba ta' tlieta u ħamsin sena ma kienx ser ikollha ċans ieħor li tieħu l-istat tagħha. Tant ma kinetx taf x'tagħti d-dinja, li l-attrazzjoni li tkun iżżewġet kienet biżżejjed biex tinsa kollox u fi żmien xahar u nofs iżżewġitu; x'aktarx ħasebt li billi tkun tista' tgħid li hi miżżewġa, kienet ser tilħaq fil-ħajja xi grad ogħla minn dak li kellha bħala xebba. Għalkemm *ma rriżulta xejn mix-xiehda, il-partijiet ma attendew* ebda kors ta' Kana u anqas ebda kors ieħor ta' tħejjija għaż-żwieġ. Fuq xulxin ma kienu jafu xejn, anqas jekk kellhomx flus jew le;

Illi wara li fliet bir-reqqa l-ftit provi li tressqu, il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet kontenuti fir-rapport u a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, tadotta u tagħmel tagħha r-relazzjoni peritali, li kkonkludiet li kien hemm il-vizzju tal-kunsens li jġib l-annullament taż-żwieġ skond l-artikolu 19(1) (d) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ li kien ġie ċċelebrat bejn il-partijiet fl-20 ta' Diċembru, 1980;

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.